MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 950/1990/1

**Emanuel Mifsud**

**Vs**

**Filippo Mifsud, Joseph Mifsud u Edward Mifsud,
u b'digriet tal-21 ta' Lulju, 2003 gie nominat Joseph Mifsud
bhala kuratur flok Filippo Mifsud li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi b'kuntratt datat 17 ta' Ottubru, 1980 atti Nutar Antoine Agius hawn anness u markat Dokument "A" l-attur u l-konvenut Filippo Mifsud kienu ddividew l-ghalqa detenuta in komuni bejniethom konsistenti f'raba saqwi fil-limiti ta' Hal Qormi in kontrada tal-Handaq imlaqqma taz-Zeb li fiha kejl superficjali ta' xi 6134 metri kwadri konfinanti mit-tramuntana in parti ma' raba tal-Parrocca ta' Hal Qormi u in parti ma' raba tal-komparenti u Carmelo Agius, nofsinhar ma' raba tal-Kuria u punent in parti ma' razzett tal-komparenti u in parti ma' raba tal-familja Orland.

Peress illi lill-attur giet tmissu il-bicca raba mill-art fuq deskritta komprendenti l-ewwel porzjoni konsistenti f'kejl ta' 3067 metri kwadri konfinanti mit-tramuntana mal-parti assenjata lil Filippo Mifsud, nofsinhar ma' beni tal-Kuria u punent in parti mar-razzett u in parti ma' raba tal-familja Orland soggetta ghas-servitu attiva li tghaddi bir-rigel u kwalunkwe vejikolu minn gol-bitha tar-razzett u ghal servitu passiva ta' dritt ta' passagg bir-rigel u bi kwalunkwe vejikolu mid-detentur tal-art kompriza u deskritta fit-tieni porzjoni u li giet tmiss lill-konvenut Filippo Mifsud.

Peress illi l-attur jiddetjeni apparti r-raba diviza u assenjata lilu skond kif fuq spjegat zewg bicciet raba ohra, wahda retroposta ghal dik assenjata lil-konvenut Filippo Mifsud u l-ohra li tmiss ma' l-istess bicca raba ta' Filippo Mifsud, dina ta' l-ahhar li hi mqabbla ghand l-attur.

Peress illi l-attur ghandu d-dritt isaqqi r-raba msemmija fil-paragrafu precedenti dan billi jghaddi bil-pipijiet tal-ilma fuq ir-raba ta' Filippo Mifsud biex jaccedi ghall-art detenuta minnu bi qbiela.

Peress illi l-konvenuti jew min minnhom fl-1 ta' Settembru, 1990 bil-forza u kontra l-volonta' tal-attur waqqfuh milli jsaqqi kif ukoll ostakolawh fid-dritt ta' passagg li l-attur kien igawdi biex jaccedi ghall-ghalqa detenuta minnu bi qbiela.

Peress illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati:-

1. Jirrintegraw lill-attur fid-dritt tieghu li juza l-ghalqa ta' proprjeta' ta' Filippo Mifsud biex isaqqi l-eghlieqi tal-istess attur kif fuq spjegat oltre li jezercita minghajr xkiel id-dritt akkwistat mill-attur ta' passagg bir-rigel u ngenji biex jaccedi ghall-ghalqa detenuta minnu bi qbiela bl-applikazzjoni tal-artikolu 791 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti biex jidhru in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 16** tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux veru li l-attur ghandu dritt li jghaddi xi kanni biex isaqqi minn fuq l-ghalqa tal-konvenut Filippo Mifsud u dan kif jirrizulta mill-kuntratt tat-3 ta' Awissu, 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius u kif ukoll peress illi l-kanni ta' l-ilma li kienu jghaddu minn fuq l-ghalqa tal-konvenut Filippo Mifsud bi pjacir ta' l-istess Filippo Mifsud gew bla uzu peress illi lil min biegh l-ghalqa tieghu l-attur certu Carmelo Franco nehhielu l-pajpijiet ta' l-ilma li kienu jghaddu minn fuq l-ghalqa tieghu.

2. Illi oltre dan illum l-eccipjent Filippo Mifsud m'ghadx ghandu bhala proprjeta' tieghu l-ghalqa kollha minn fejn kienu ghaddejjin il-kanni ta' l-ilma ta' l-attur u fil-fatt ghad baqghalu biss parti zghira hafna minnha.

3. Illi oltre dan mhux veru illi l-eccipjenti fixklu lill-attur fl-uzu ta' passagg bir-rigel u ngenji biex jghaddi ghall-ghalqa li ghandu mqabbla ghandu huma qed jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jiehdu dawk il-passi li jidhrilhom xierqa biex l-attur ma jibqghax jghaddi minn fuq proprjeta' ta' l-

eccipjent Filippo Mifsud peress illi ghal din l-ghalqa l-attur ghandu access mit-triq pubblika.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-degriet tal-15 ta’ Frar 1991 a fol 22 li bih gie nominat il-Perit M. A. Refalo biex jistabbilixxi permezz ta’ pjanta l-bicca raba li fiha sar l-allegat spoll u biex f’din il-pjanta jindika dawk id-dettalji li jigu rilevati lilu mill-partijiet ghal dan il-finijiet. Il perit kellu jaccedi fuq il-post in kwistjoni u jisma x-xhieda bil-gurament.

Rat id-digriet tat-28 ta’ Gunju 2000 li bih il-Qorti b’zieda mad-digriet tal-15 ta’ Frar 1991 kienet awtorizzat lill Perit biex jaghmel ukoll dawk l-osservazzjonijiet li jidhirlu xieraq rigwardanti t-talbiet attrici.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Refalo a fol 83;

Rat ir-rikors a fol 136 u d-digriet ta’ dina l-Qorti tas-7 ta’ Mejju 2004 a fol 169;

Rat in-nota a fol 163;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-atturi a fol 129;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Relazzjoni perit tekniku**

Il-perit nominat minn dina l-Qorti kkonkluda li l-attur ma ppruvax li ghandu xi dritt li jghaddi kanni minn fuq l-ghalqa tal-konvenuti. Lanqas ma pprova li l-kanni kienu jghaddu minn fuq ir-raba tal-konvenuti kif qed jippretendi li llum ighaddi l-kanni in sostituzzjoni tal-kanali originali.

A rigward tal-passagg bir-rigel fil-waqt li l-attur ma pprezenta ebda prova li ghandu xi dritt li jghaddi minn fuq ir-raba tal-konvenuti ghall-ghalqa mqabbla ghandu Y fid-dok pjanta PT a fol 103, l-attur ma ppruvax illi l-konvenuti qed jimpeduh milli jghaddi minn fuq ir-raba tal-konvenuti R ghal raba tieghu S kif ghandu dritt li jaghmel a tenur tal-kuntratt Dok A anness mac-citazzjoni.

**Actio spolii**

L-attur ma qabilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit billi rritjena li l-azzjoni tieghu hija dwar spoll u l-perit ma kellux jidhol fis-sustanza tad-drittijiet proprjetarji tal-partijiet.

L-azzjoni ta' l-attur hija l-actio spolii u fiha huwa talab li jigi reintegrat fid-dritt tieghu li juza l-ghalqa ta' proprjeta' ta' Filippo Mifsud biex isaqqi l-eghlieqi tieghu u li jezercita minghajr xkiel id-dritt ta' passagg bir-rigel u ngenji biex jaccedi ghall-ghalqa detenuta minnu bi qbiela. Illi dina t-talba ghar-reintegrazzjoni hija r-rimedju li l-attur qed jitlob ghall allegat spoll kommess.

Illi l-principji ta' l-azzjoni ta' spoll huma bbazati fuq l-**Artikolu 534 tal-kap 16** u l-**Artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta. L-attur irid jipprova tlett rekwiziti tal-*actio spolii* u cioè: (i) *Possedesse;* (ii) *spoliatum fuisse*; u (iii) *infra bimestre deduxisse*.

(1) Kwantu ghall-ewwel rekwizit, hu maghruf li **l-pussess mehtieg** hu dak materjali u de facto, ikun x'ikun, u mhix mehtiega l-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu s-semplici detenzjoni. L-attur dejjem irid jipprova li ghandu "*un possesso di fatto*". Il-pussess fl-ispoljat ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil; dan jista jkun qasir hafna u sahansitra momentanju.

(2) Kwantu ghal **tieni rekwizit** l-ispoll huwa imputabbli jew lil min jikkommettieh jew lil min jikkmanda li jigi kommess. L-ispoljat hu fid-dmir li jinsisti illi l-haga tigi rimessa fl-istat

li kienet qabel; salvi r-ragunijiet li jistghu jkunu kompetenti fil-gudizzju petitorju. L-ezami tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess. Ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief dawk dilatorji. Il-Qorti ma tistax titratta eccezzjonijiet li huma ta' indolu petitorju. Ghalhekk ukoll ma humiex ammissibli dokumenti u provi li jirriferixxu ghal kwistjonijiet li huma ta' natura petitorja.

(3) L-azzjoni ma tirnexxiex jekk ma tkunx giet ezercitata "*infra bimestre*". Iz-zmien ta’ l-azzjoni jibda mill-gurnata ta’ l-ispoll u mhux minn meta l-attur isir jaf bih. It-terminu ta' xahrejn huma terminu ta' dekadenza u ghalhekk, bhala regola mhux suggett ghar-regoli tal-preskrizzjoni. Meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta’ spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta’ dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.

Spoll vjolent u abbuziv "jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li marte proprio imur kontra l-volonta’ tal-persuna spoljata" (Vol XLI pII p1133). Il-vjolenza ta' dan il-kaz tohrog mill-fatt li l-konvenut kontra l-volonta’ tal-attur possessur agixxa biex jiehu b'forza dritt li huwa jippretendi li ghandu meta kellu jirrikorri ghal mezzi ohra biex jiehu d-drittijiet tieghu. Hu ghal dawn is-sitwazzjonijiet il-ligi tipprovdi l-*actio spolii* biex tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali, li l-persuna li giet vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha. *Spoliatus ante omnis restituendum*.

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami l-attur qed jilmenta li l-konvenuti ghalqulu l-passagg kif ukoll ma hallewhx jghaddi l-ilma fuq l-art tal-konvenuti biex isaqqi. Hu xehed (ara fol 111) li l-kanni kienu jghaddu l-ewwel mill-parti li bena Franco, imbaghad fuq art tal-konvenut Philip Mifsud, imbaghad fuq l-art tieghu stess. Hu qed jippretendi li l-kanni issa ghandhom jghaddu minn fuq art tal-konvenut, cjoe minn fejn qabel kienu jghaddu l-kanali. Il-kwistjoni bdiet meta, wara li hu ghadda l-kanni li kienu f’ta’ Franco minn art tal-konvenut,

cjoe minflok il-kanali antiki, il-konvenut qabad u qalaghhom (ara fol 111).

Dwar il-passagg xehed li l-ostaklu sar billi l-konvenuti bnew hajt fejn kien hemm ir-rampa li minnha kien jidhol ghal raba mmarkat Y. Michael Mifsud, iben l-attur, xehed li kien Edward Mifsud, wiehed mill-konvenuti, li kien ghalaq ir-rampa (fol 117).

Il-konvenut Philip Mifsud xehed li meta Franco interrompa l-kanna li kienet ghaddejja minn ghandu, l-attur ghaddihom fl-ghalqa ta' fuq li hi tieghu u hu hallih sakemm jahsad il-wicc li kellu mizruh. Fejn l-attur ghadda l-kanni qatt ma kien hemm kanali u dawn il-kanali kienu fil-hxuna tal-hajt tas-sejjieh li sussegwentement Franco nehha. Meta imbaghad l-attur hasad il-wicc li kellu mizruh, hu ma qalghax il-kanni ghalkemm fakkruh biex inehhihom u ghalhekk Joseph Mifsud qabad u nehhihom. Huma qalghu wkoll il-kanni li kienu fil-parti ta' l-ghalqa mmarkata X li kienu qasmu, billi dawn kienu mejta. Joseph Mifsud ikkonferma dak li xehed missieru u li kien hu li nehha l-kanni (fol 114). L-unika oggezzjoni taghhom hi dwar kif l-attur biddel minn kif kienu fl-antik (ara fol 123) cjoe li ghadda l-kanni mhux minn fejn kienu jghaddu l-kanali qabel.

Dwar il-passagg xehed li huma qatt ma zammew lill attur milli jghaddi minn fuqhom biex imur fil-parti li ghandu mikrija. L-arrangament kien li l-attur jghaddi minn fuqhom u huma jghaddu minn fuqu.

**Tikkunsidra**

Illi jirrizulta mill-provi li kien il-konvenut Joseph Mifsud li nehha l-kanni li kienu jghaddu minn fuq ir-raba tal-konvenut kif ukoll il-kanni li kienu fil-parti tieghu tal-ghalqa X li kien qasam. Il-kanni kienu ilhom xi tlett gimghat fl-ghalqa tal-konvenut u huwa kien hallihom hemm sakemm l-attur jispicca l-wicc.

Il-konvenut kien nehha l-kanni ghax ippretenda li wara li Franco kien qaccat il-kanali l-attur ghadda l-kanni mhux

minn fejn kienu jghaddu qabel imma totalment minn fuq l-ghalqa tal-konvenut. Izda jigi rilevat li f'parti mix-xhieda tieghu Joseph Mifsud jaccetta li l-kanali kienu jghaddu almenu in parti minn go l-ghalqa ta' missieru . Il-konvenut qed isostni li hu kkonceda biss lill attur jghaddi l-kanni minn fuq l-ghalqa tieghu  sakemm inehhi l-ucuh.

Mill-provi prodotti ghandu jirrizulta car li sa tlett gimghat qabel ma l-konvenut qabad u nehha l-kanni l-attur zgur kien qed jaghmel uzu mill-kanni li kienu ghaddejin mill-ghalqa tal-konvenut. Imbaghad il-konvenut ha l-ligi b'idejh u qabad u nehha l-kanni kollha minghajr il-kunsens ta' l-attur. Ai fini ta' l-*actio spolii* b'daqshekk ir-rekwizit tal-pussess huwa sodisfatt billi l-attur kien qed jaghmel uzu mill-kanni u l-kwistjonijiet l-ohra dwar drittijiet proprjetarji f'din il-kawza ma jidhlux. L-azzjoni tirrigwarda l-mod kif kien qed jigi ezercitat id-dritt ta' l-attur wara li twaqqu l-kanali meta gie spoljat mill-konvenuti.

Kwantu ghall allegat spoll dwar id-dritt ta' passagg il-perit nominat minn dina l-Qorti osserva li a rigward tal-passagg bir-rigel filwaqt li l-attur ma pprezenta ebda prova li ghandu xi dritt li jghaddi minn fuq ir-raba tal-konvenuti ghall ghalqa imqabbla ghandu Y fid-dok pjanta PT, l-attur ma ppruvax illi l-konvenuti qed jimpeduh milli jghaddi minn fuq ir-raba tal-konvenuti R ghal raba tieghu S kif ghandu dritt li jaghmel a tenur tal-kuntratt Dok A.

Illi l-konvenuti qed jissottomettu li huma lill attur ma ghalquhx  milli juza l-passagg ghal ghalqa Y, ghalkemm sussegwentement huma ghalqu r-rampa bil-knaten billi ppretendew li l-attur ghandu access minn triq ohra.  Il-fatt li l-konvenuti qed jghidu li huma ma zammewx lill-attur milli jezercita d-dritt ta' passagg, huwa ammissjoni li effettivament l-attur kien qed jaghmel uzu minn dana l-passagg qabel ma l-konvenuti ddecidew li jzommuh u bnew il-hajt fejn kien hemm ir-rampa. Jekk wiehed jigi ostakolat fl-ezercizzju tieghu ta' passagg li minnu kien jghaddi biex jahdem ir-raba tieghu, anke jekk il-godiment tieghu jigi diminwit biss, l-element tal-pussess hu sostnut.

Finalment dwar jekk l-azzjoni gietx prezentata fil-hin, jigi rilevat li ma saret ebda eccezzjoni f'dan is-sens u mill-provi jidher li fil-fatt din giet prezentata entro x-xaghrejn. Fic-citazzjoni hemm premess li l-konvenuti waqqfu lill attur milli jsaqqi kif wkoll ostakolawh fid-dritt ta' passagg fl-1 ta' Settembru 1990 u l-kawza giet prezentata fis-16 ta' Ottubru 1990. Dan ma giex kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa t-talba ta' l-attur
U tordna li l-attur jigi reintegrat fid-dritt tieghu li juza l-ghalqa ta' proprjeta' ta' Filippo Mifsud biex isaqqi l-eghlieqi tal-istess attur oltre li jezercita minghajr xkiel id-dritt akkwistat mill-attur ta' passagg bir-rigel u ngenji biex jaccedi ghall-ghalqa detenuta minnu bi qbiela.
Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------